Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 13,890, 29 ta' Settembru, 1981
Taqsima C

Nru. 207

29. 9. 81

MALTA

KAMRA TAD-DEPUTATI

ABBOZZ ta' Liġi mressaq mill-Onorevoli Patrick Holland, M.P., Ministru tal-Kummerċ, Industrija u Industriji Parastatali u tal-Poplu f'isem l-Onorevoli Joseph Brincat, M.P., Ministru tal-Ġustizzja, Artijiet, Djar u Affarijiet tal-Parlament u moqri għall-Ewwel darba fis-Seduta tat-28 ta' Settembru, 1981.

ATT biex jemenda l-Att ta' l-1980 dwar ir-Reviżjoni tal-Liġijiet Statutarji u biex jemenda jew iħassar liġijiet oħra.

C. MIFSUD
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati

HOUSE OF REPRESENTATIVES

A BILL introduced by the Honourable Patrick Holland, M.P., Minister of Trade, Industry and People's Parastatal Industries on behalf of the Honourable Joseph Brincat, M.P., Minister of Justice, Lands, Housing and Parliamentary Affairs and read the First time at the Sitting of the 28th September, 1981.

AN ACT to amend the Statute Law Revision Act, 1980 and to amend or repeal other laws.

C. MIFSUD
Clerk to the House of Representatives

ABBOZZ TA' LIĠI

msejjaħ

ATT biex jemenda l-Att ta' l-1980 dwar ir-Reviżjoni tal-Liġijiet Statutarji, u biex jemenda jew iħassar liġijiet oħra.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1981 li jemenda l-Att dwar ir-Reviżjoni tal-Liġijiet Statutarji.

(2) L-artikoli 2 u 3 ta' dan l-Att għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda ma' l-Att ta' l-1980 dwar ir-Reviżjoni tal-Liġijiet Statutarji, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

(3) L-emendi għall-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, li hemm fit-Tieni Skeda li tinsab ma' dan l-Att, għandu jkollhom effett minn dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja jista' jistabbilixxi b'avviż fil-Gazzetta.

Emenda ta' l-artikolu 4 ta' l-Att prinċipali.

2. L-artikolu 4 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu (j) tas-subartikolu (1) tiegħu għandu jiġi numerat mill-ġdid bħala paragrafu (l);

(b) minnufih wara l-paragrafu (i) tas-subartikolu (1) tiegħu għandhom jidħlu ż-żewġ paragrafi ġodda li ġejjin:

"(j) li taqleb kull użin jew kejl f'użin jew f'kejl metriku li jikkorrispondi għalih viċin kemm jista' jkun, u għal dak l-għan il-Kummissjoni jkollha s-setgħa li ġġib għad-dritt kull deċimali kif jidhrilha xieraq;

(k) li tagħmel kull żieda, ommissjoni jew tibdil li jkun konsegwenzjali għal xi liġi statutarja jew disposizzjoni tagħha;"

u

(ċ) fit-tarf tas-subartikolu (3) tiegħu għandhom jiżdiedu l-kliem li ġejjin:

"jew biex tneħħi kull konflitt bejn it-test Malti u t-test Ingliż f'xi liġi, u għal dawn l-għanijiet il-Kummissjoni jkollha s-setgħa li tibdel jew temenda wieħed miż-żewġ testi jew it-tnejn, magħdud it-test li jipprevali.".

3. Minnufih wara s-subartikolu (3) ta' l-artikolu 8 ta' l-Att prinċipali għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej: Emenda ta' l-artikolu 8 ta' l-Att prinċipali.

"(4) Minkejja kull ħaġa li tinsab fid-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu, il-Ministru jista', f'kull avviż mogħti taħthom, jistabbilixxi jew jispeċifika dati differenti għal taqsimiet differenti ta' kull edizzjoni riveduta, u f'kull każ bħal dak l-imsemmija disposizzjonijiet għandhom hekk japplikaw.".

4. Meta f'xi liġi jkun hemm riferenza għal lavuri furzati, jew lavuri furzati jew priġunerija, jew għal priġunerija b'lavuri furzati, dik ir-riferenza għandha tinqara u tiftiehem daqslikieku kienet riferenza għal priġunerija. Kif jiftiehmu riferenzi għal lavuri furzati, eċċ.

5. Il-liġijiet murija fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' dan l-Att huma b'dan imħassra. Thassir ta' ċerti liġijiet.

6. Il-liġijiet murija fl-ewwel kolonna tat-Tieni Skeda li tinsab ma' dan l-Att għandu jkollhom effett suġġetti għall-emendi murija fit-tieni kolonna tagħha. Emendi ta' ċerti liġijiet.

L-EWWEL SKEDA

(Artikolu 5)

Liġi dwar kif għandhom jissejħu l-Qrati u l-Imħallfin (Kap. 1)

Ordinanza dwar l-Ekwivalent Ingliż ta' Wżin u Kejl Malti (Kap. 21)

Ordinanza dwar il-Kejl bil-Modd (Kap. 25)

Ordinanza ta' l-1943 dwar il-Ħlas ta' Ħaraġ fuq il-Wirt u Għoti (Disposizzjonijiet f'Emerġenza) (Ordinanza Nru. XV ta' l-1943)

Ordinanza ta' l-1946 dwar il-Pensjonijiet (Provdimenti Speċjali) (Ordinanza Nru. XVIII ta' l-1946)

Ordinanza ta' l-1947 dwar il-Ftuħ ta' Kont tal-Ħsarat tal-Gwerra u tal-Bini mill-Ġdid (Ordinanza Nru. XVIII ta' l-1947)

Att ta' l-1969 dwar l-Ippjanar ta' Bliet u Kampanja (Att Nru. XXXV ta' l-1969)

IT-TIENI SKEDA

(Artikolu 6)

Fl-artikolu 2, il-kliem "mingħajr il-*Vendue Master*" għandhom jitħassru. Liġi dwar l-Irkantaturi (Kap. 6)

Minnufih wara l-artikolu 5 għandu jiżdied l-artikolu ġdid li ġej:

"Emenda, eċċ., ta' Tariffa.

6. Il-Ministru jista' b'ordni, jemenda, iħassar jew ibiddel it-Tariffa li tinsab ma' din il-liġi.".

Kodiċi Kriminali (Kap. 12)

Il-paragrafu (i) ta' l-artikolu 19 għandu jitħassar.

Is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 22 għandu jitħassar.

Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija (Kap. 13)

Fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 48, minflok il-kliem "mill-Uffiċjal Mediku Distrettwali" għandhom jidħlu l-kliem "mill-uffiċjal mediku fis-servizz tal-Gvern".

Fl-artikolu 64A, minflok il-kliem minn "ħlief in-nol bażiku" sa "ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' dan il-Kodiċi" għandhom jidħlu l-kliem "ħlief skond it-tariffa li tinsab fir-regolamenti magħmula taħt l-artikolu 81 ta' dan il-Kodiċi".

Minflok is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 81 għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Il-Ministru responsabbli għall-Pulizija jista' jippreskrivi b'regolamenti tariffa ta' nolijiet dwar vetturi.".

Minflok l-artikolu 172 għandu jidħol dan li ġej:

"Dħul mill-Pulizija.

172. Kull uffiċjal tal-Pulizija, mhux taħt il-grad ta' sotto-spettur, jista' jidħol f'kull ħin f'lokal liċenzjat biex ibiegħ bl-imnut inbejjed, birra jew likuri spiritużi, sabiex ma jħallix isiru jew jikxef kontravvenzjonijiet għad-disposizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi jew ta' xi regolamenti magħmula taħtu.".

Minflok il-proviso għas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 230 għandu jidħol dan li ġej:

"Iżda d-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu ma jkunux ta' ħsara għad-disposizzjonijiet ta' xi regolamenti magħmula taħt dan il-Kodiċi jew ta' xi liġi oħra u li minn żmien għal żmien jistgħu jkunu fis-seħħ.".

L-Ewwel Skeda li tinsab ma' dan il-Kodiċi għandha titħassar.

Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 15)

Is-subartikolu (3) ta' l-artikolu 171 għandu jitħassar.

Minflok il-proviso għall-artikolu 571 għandu jidħol dan li ġej:

"Iżda l-Qorti tista', f'każijiet urġenti, tordna lil xi xhud li jidher minn jum għal ieħor, jew minn siegħa għal oħra, jew ukoll fi żmien dak l-intervall ta' żmien li jista' jkun meħtieġ li hu jidher.".

Fis-subartikolu (4) ta' l-artikolu 849, il-kelma "sterling" fit-test Ingliż għandha titħassar.

Kodiċi Ċivili (Kap. 23)

Fl-artikolu 1422 u fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 2073, minflok il-kliem "il-Monti tal-Pjetà" kull fejn jinsabu għandhom jidħlu f'kull każ il-kliem "Il-Monti".

Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha (Kap. 51)

Minflok l-artikolu 14 għandu jidħol dan li ġej:

"14. Id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 6, minbarra l-paragrafi (ċ), (d) u (e), għandhom japplikaw ukoll, meta applikabbli, għal veterinarji.".

Fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 16, fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 17, fil-paragrafu (a) ta' l-artikolu 44, fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 59, fil-paragrafu (a) ta'

l-artikolu 67, fil-paragrafu (a) ta' l-artikolu 73B u fil-paragrafu (a) ta' l-artikolu 73E, minflok il-kliem "sudditu Ingliż" kull fejn jinsabu għandhom jidħlu, f'kull każ, il-kliem "ċittadin ta' Malta".

Fl-artikoli 47 u 48, minflok il-kliem "101° Fahrenheit", kull fejn jinsabu għandhom jidħlu f'kull każ il-kliem "38.3° Celsius".

Il-paragrafu (ċ) ta' l-artikolu 99 għandu jitħassar.

Is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 4 għandu jitħassar. — Ordinanza dwar l-Iskejjel tat-Tfal Żgħar (Kap. 53)

Is-subartikolu (3) ta' l-artikolu 22 għandu jitħassar. — Ordinanza dwar l-Esplożivi (Kap. 56)

Is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 38 għandu jitħassar.

Fl-artikolu 2, it-tifsira ta' "Malta" għandha titħassar. — Ordinanza dwar it-Tharis mill-Mard (Kap. 59)

Fl-artikolu 31, minflok il-kliem "fl-Ordinanza dwar il-Ħwejjeġ ta' l-Ikel, Mediċinali u Ilma tax-Xorb (Kapitolu 54)" għandhom jidħlu l-kliem "fl-Att ta' l-1972 dwar il-Ħwejjeġ ta' l-Ikel, Mediċinali u Ilma tax-Xorb".

Fil-proviso għas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 88, minflok il-kliem "f'lavuri furzati bir-rata ta' ġurnata għal kull ħamsin ċenteżmu" għandhom jidħlu l-kliem "f'priġunerija bir-rata ta' ġurnata għal kull ħames liri". — Ordinanza ta' l-Ispirti (Kap. 64)

Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 6, minflok il-kliem "il-piena tal-mewt, jew tal-lavuri furzati għal kull żmien li jkun, jew tal-priġunerija" għandhom jidħlu l-kliem "il-priġunerija". — Ordinanza dwar l-Arkitetti (Kap. 72)

Fis-subartikolu (3) ta' l-artikolu 13, minflok il-kliem "fil-Monti tal-Pjetà" għandhom jidħlu l-kliem "fil-Monti". — Ordinanza dwar il-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda (Arġentiera) (Kap. 74)

Fl-artikolu 2, it-tifsira ta' "Malta" għandha titħassar. — Ordinanza dwar it-Telegrafija minghajr Fili (Kap. 78)

Is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 7 u s-subartikoli (5) u (6) ta' l-artikolu 14 għandhom jitħassru. — Ordinanza dwar l-Estetika tal-Bini (Kap. 135)

Fl-artikolu 2, minflok il-kliem "n-nefqa tagħhom tkun milqugħa bħala għandha titħallas taħt id-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Ħsarat tal-Gwerra (Ordinanza III ta 'l-1943)" fit-tifsira ta' "fond belti qadim" għandhom jidħlu l-kliem "n-nefqa tagħhom kienet milqugħa bħala għandha titħallas taħt id-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza ta' l-1943 dwar il-Ħsarat tal-Gwerra.". — Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubblici (Kap 136)

Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 25 bis, minflok il-kliem "għalhekk kellu jedd jew jista' jkollu jedd għal kumpens bis-saħħa ta' l-Ordinanza ta' l-1943 dwar il-Ħsarat tal-Gwerra (Ordinanza III tal-1943)" għand-

hom jidħlu l-kliem għalhekk kien ikollu jedd jew setgħa kellu jedd għal kumpens bis-saħħa ta' l-Ordinanza ta' l-1943 dwar il-Ħsarat tal-Gwerra.".

Ordinanza dwar il-Bibljoteki Pubbliċi (Kap. 142)

Il-proviso għas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 4 għandu jitħassar.

Ordinanza dwar il-Pensjonijiet (Kap. 143)

Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 11, minflok il-kliem "mis-Segretarju ta' l-Istat" għandhom jidħlu l-kliem "mill-Prim Ministru".

Fl-artikolu 15, il-kliem "s-Segretarju ta' l-Istat jew" għandhom jitħassru.

Ordinanza dwar l-Organizzazzjoni tad-Dipartiment tas-Saħħa (Kap. 148)

Minflok l-artikolu 5 għandu jidħol dan li ġej:

"5. Id-Dipartiment għandu jikkonsisti minn dawk l-istabbilimenti u servizzi kif minn żmien għal żmien jiġi dikjarat mill-Ministru li jagħmlu parti mid-Dipartiment.".

Fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 32, minflok il-kliem "31 ta' Marzu" għandhom jidħlu l-kliem "31 ta' Diċembru".

Ordinanza dwar il-Mediċini Perikulużi (Kap. 161)

Fis-subartikolu (4) ta' l-artikolu 10, minflok il-kliem "Kunsill tal-Għaqda tan-Nazzjonijiet" għandhom jidħlu l-kliem "Organizzazzjoni tal-Ġnus Magħquda".

Fis-subartikolu (3) ta' l-artikolu 11, minflok il-kliem "tal-Għaqda tan-Nazzjonijiet" għandhom jidħlu l-kliem "ta' Organizzazzjoni tal-Ġnus Magħquda".

Ordinanza Elettorali dwar il-Votazzjoni (Kap. 163)

Il-paragrafu (a) tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 2 għandu jitħassar.

Minflok is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 21 għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Meta persuna li isimha jkun jidher fl-aħħar Reġistru Elettorali rivedut, iżda li ma jkunx jidher fil-lista pubblikata skond is-subartikolu (3) ta' l-artikolu 11 ta' din l-Ordinanza, ma tkunx irċeviet id-dokument għall-votazzjoni jew, wara li tkun irċeviet dak id-dokument, tkun tilfitu jew iddistruġġietu, dik il-persuna (anke jekk fil-każ tiegħu ma tkunx inħarġet karta ta' l-identità li tkun għadha valida fiż-żmien imsemmi fl-artikolu 11 (1) ta' din l-Ordinanza) tista' mhux iktar tard mis-6.00 p.m. ta' l-Erbgħa li tiġi minnufih qabel ma tibda l-votazzjoni, tidher quddiem wieħed mill-Kummissjonarji, u jekk —

(a) tipprova l-identità tagħha billi tipproduċi l-karta ta' l-identità tagħha; u

(b) tagħmel dikjarazzjoni bil-ġurament quddiem dak il-Kummissjonarju li ma tkunx irċeviet id-dokument għall-votazzjoni jew li, wara li tkun irċeviet dak id-dokument, tkun tilfitu jew iddistruġġietu, u dawk id-dikjarazzjonijiet l-oħra bil-ġurament li l-Kummissjonarju jista' jeħtieġ, din għandha tingħata dokument għall-votazzjoni maħruġ speċjali għal hekk li jispeċifika bħala l-post tal-votazzjoni fejn dik il-persuna għandha tagħti l-vot tagħha post ta' votazzjoni msemmi għal hekk mill-Kummissjonarji; u f'kull każ bħal dak —

(i) dik il-persuna għandha tivvota biss fil-post tal-votazzjoni speċifikat fl-imsemmi dokument għall-votazzjoni; u

(ii) jekk isem dik il-persuna jkun jidher fuq xi lista msemmija fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 18 ta' din l-Ordinanza li ma tkunx ta' l-imsemmi post tal-votazzjoni, il-Kummissjonarji għandhom jieħdu ħsieb li isem dik il-persuna jitħassar minn fuq dik il-lista; u

(iii) lista tal-persuni kollha li lilhom ikun ġie maħruġ dokument għall-votazzjoni skond dan is-subartikolu għandha tinżamm fl-Uffiċċju tal-Kummissjonarji u tkun miftuħa għal spezzjoni minn kull kandidat jew mill-aġent tiegħu f'kull ħinijiet xierqa sakemm tagħlaq il-votazzjoni.".

Ordinanza dwar Postijiet ta' Ħsara għas-Saħħa (Kap.164)

Fl-artikolu 7, il-kliem "jew, fin-nuqqas ta' dan il-proġett, taħt ir-restrizzjonijiet u kondizzjonijiet li t-*Town Planning Commission* imsemmija fit-Taqsima I ta' dak il-Kodiċi jidhrilha sewwa li għandha tordna" għandhom jitħassru.

Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi tal-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni (Kap. 165)

Fil-paragrafu (b) tas-subartkolu (1) ta' l-artikolu 23, il-kliem "lis-Segretarju tal-Gvern jew" għandhom jitħassru.

Għanijiet u Raġunijiet

L-Għan ta' dan l-Abbozz huwa li jemenda l-Att ta' l-1980 dwar ir-Reviżjoni tal-Liġijiet Statutarji u liġijiet oħra sabiex iħaffef ix-xogħol tal-kummissjoni relattiva.

A BILL

entitled

AN ACT to amend the Statute Law Revision Act, 1980 and to amend or repeal other laws.

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same, as follows:—

Short title and commencement.

1. (1) This Act may be cited as the Statute Law Revision (Amendment) Act, 1981.

(2) Sections 2 and 3 of this Act shall be read and construed as one with the Statute Law Revision Act, 1980, hereinafter referred to as "the principal Act".

(3) The amendments to the Code of Police Laws, contained in the Second Schedule to this Act, shall come into force on such date as the Minister responsible for Justice may fix by notice in the Gazette.

Amendment of section 4 of the principal Act.

2. Section 4 of the principal Act shall be amended as follows:

(a) paragraph (j) of subsection (1) thereof shall be re-lettered as paragraph (l);

(b) immediately after paragraph (i) of subsection (1) thereof there shall be inserted the following two new paragraphs:

"(j) to convert any weight or measure into a metric weight or measure corresponding thereto as nearly as practicable, and for that purpose the Commission shall have power to round off any decimal as it may deem appropriate;

(k) to make any addition, omission or alteration which is consequential to any amendment to any statute law or provision thereof;" and

(c) at the end of subsection (3) thereof there shall be added the following words:

"or to remove any conflict between the Maltese and the English text of any law, and for these purposes the Commission shall have power to alter or amend either of those texts or both, including the prevailing text".

3. Immediately after subsection (3) of section 8 of the principal Act there shall be added the following new subsection:

Amendment of section 8 of the principal Act.

"(4) Notwithstanding anything contained in the foregoing provisions of this section, the Minister may, in any notice given thereunder, appoint or specify different dates for different parts of any revised edition, and in any such case the said provisions shall apply accordingly.".

4. Where any enactment contains a reference to hard labour, or to hard labour or imprisonment, or to imprisonment with hard labour, such reference shall be read and construed as if it were a reference to imprisonment.

Construction of references to hard labour, etc.

5. The enactments shown in the First Schedule to this Act are hereby repealed.

Repeal of certain laws.

6. The enactments shown in the first column of the Second Schedule to this Act shall have effect subject to the amendments shown in the second column thereof.

Amendment of certain laws.

FIRST SCHEDULE

(Section 5)

Courts and Judges (Designation) Law (Cap. 1)

Maltese Weights and Measures (English Equivalents) Ordinance (Cap. 21)

Modd Measure Ordinance (Cap. 25)

Succession and Donation Duties (Emergency Provisions) Ordinance, 1943 (Ordinance No. XV of 1943)

Pensions (Special Provisions) Ordinance, 1946 (Ordinance No. XVIII of 1946)

War Damage and Reconstruction Account (Establishment) Ordinance, 1947 (Ordinance No. XVIII of 1947)

Town and Country Planning Act, 1969 (Act No. XXXV of 1969)

SECOND SCHEDULE

(Section 6)

In section 2, the words "without the intervention of the Vendue Master" shall be deleted.

Auctioneers Law (Cap. 6).

Immediately after section 5 there shall be added the following new section:

"Amendment, etc., of Tariff.

6. The Minister may, by order, amend, repeal or substitute the Tariff to this law.".

Criminal Code (Cap. 12)

Paragraph (i) of section 19 shall be repealed.

Subsection (2) of section 22 shall be repealed.

Code of Police Laws (Cap. 13)

In subsection (2) of section 48, for the words "by a Government District Medical Officer" there shall be substituted the words "by a medical officer in the service of the Government".

In section 64A, for the words from "other than the basic fare" to "of the First Schedule to this Code" there shall be substituted the words "other than in accordance with the tariff contained in regulations made under section 81 of this Code".

For subsection (2) of section 81 there shall be substituted the following:

"(2) It shall be lawful for the Minister responsible for the Police to prescribe by regulations a tariff of fares in respect of vehicles.".

For section 172 there shall be substituted the following:

"Entry by Police.

172. It shall be lawful for any police officer, not below the rank of sub-inspector, to enter at any time any premises licensed for sale by retail of wine, beer or spirituous liquor, for the purpose of preventing or detecting any infringement of the provisions of this Code or of any regulations made thereunder.".

For the proviso to subsection (1) of section 230 there shall be substituted the following:

"Provided that the provisions of this subsection shall not be of prejudice to the provisions of any regulations made under this Code or any other law and which may from time to time be in force.".

The First Schedule to this Code shall be repealed.

Code of Organization and Civil Procedure (Cap. 15)

Subsection (3) of section 171 shall be repealed.

For the proviso to section 571 there shall be substituted the following:

"Provided that it shall be lawful for the Court, in urgent cases, to order any witness to appear from day to day, or from hour to hour, or even only within such interval of time as may be necessary for him to appear.".

In subsection (4) of section 849, the word "sterling" in the English text shall be deleted.

Civil Code (Cap. 23)

In section 1422 and in subsection (2) of section 2073, for the words "the *Monte di Pietà*" wherever they occur there shall be substituted in each case the words "Il-Monti".

Medical and Kindred Professions Ordinance (Cap. 51)

For section 14 there shall be substituted the following:

"14. The provisions of section 6, with the exception of paragraphs (c), (d) and (e), shall also apply, where applicable, to veterinary surgeons.".

In paragraph (a) of subsection (1) of section 16, paragraph (a) of subsection (1) of section 17, paragraph (a) of section 44, paragraph (a) of subsection (1) of section 59, paragraph (a) of section 67, paragraph (a) of section 73B and paragraph (a) of section 73E, for the words "British subject" wherever they occur there shall be substituted, in each case, the words "citizen of Malta".

In sections 47 and 48, for the words "101° Farenheit" wherever they occur there shall be substituted in each case the words "38.3° Celsius".

Paragraph (c) of section 99 shall be repealed.

Subsection (2) of section 4 shall be repealed.

Infant-Schools Ordinance (Cap. 53)

Subsection (3) of section 22 shall be repealed.

Explosives Ordinance (Cap. 56)

Subsection (2) of section 38 shall be repealed.

In section 2, the definition of "Malta" shall be deleted.

Prevention of Disease Ordinance (Cap. 59)

In section 31, for the words "Food, Drugs and Drinking-water Ordinance (Chapter 54)" there shall be substituted the words "Food, Drugs and Drinking Water Act, 1972".

In the proviso to subsection (2) of section 88, for the words "into hard labour at the rate of one day for every fifty cents" there shall be substituted the words "into imprisonment at the rate of one day for every five pounds".

Spirits Ordinance (Cap. 64)

In subsection (1) of section 6, for the words "to the death penalty or to hard labour for any term, or imprisonment" there shall be substituted the words "to imprisonment".

Architects Ordinance (Cap. 72)

In subsection (3) of section 13, for the words "of the *Monte di Pietà*" there shall be substituted the words "of Il-Monti".

Goldsmiths and Silversmiths Ordinance (Cap. 74)

In section 2, the definition of "Malta" shall be deleted.

Wireless Telegraphy Ordinance (Cap. 78)

Subsection (2) of section 7 and subsections (5) and (6) of section 14 shall be repealed.

Aesthetic Buildings Ordinance (Cap. 135)

In section 2, for the words "the cost of which is recognized as being payable under the provisions of the War Damage Ordinance (Ordinance No. III of 1943)" in the definition of "old urban tenement" there shall be substituted the words "the cost of which was recognized as being payable under the provisions of the War Damage Ordinance, 1943.".

Land Acquisition (Public Purpose) Ordinance (Cap. 136)

In subsection (1) of section 25 *bis*, for the words "is thereby entitled or may be entitled to compensation under the War Damage Ordinance,

1943, (Ordinance No. III of 1943)" there shall be substituted the words "was thereby entitled or might have been entitled to compensation under the War Damage Ordinance, 1943."

Public Libraries Ordinance (Cap. 142)

The proviso to subsection (2) of section 4 shall be deleted.

Pensions Ordinance (Cap. 143)

In subsection (1) of section 11, for the words "by the Secretary of State" there shall be substituted the words "by the Prime Minister".

In section 15, the words "the Secretary of State or" shall be deleted.

Department of Health (Constitution) Ordinance (Cap. 148)

For section 5 there shall be substituted the following:

"5. The Department shall comprise such establishments and services as may from time to time be declared by the Minister to form part of the Department."

In paragraph (a) of subsection (1) of section 32, for the words "31st day of March" there shall be substituted the words "31st day of December".

Dangerous Drugs Ordinance (Cap. 161)

In subsection (4) of section 10, for the words "Council of the League of Nations" there shall be substituted the words "United Nations Organization".

In subsection (3) of section 11 for the words "of the League of Nations" there shall be substituted the words "of the United Nations Organization".

Electoral (Polling) Ordinance (Cap. 163)

Paragraph (a) of subsection (2) of section 2 shall be deleted.

For subsection (2) of section 21 there shall be substituted the following:

"(2) Where a person whose name appears in the last revised Electoral Register, but does not appear in the list published under subsection (3) of section 11 of this Ordinance, has not received the voting document, or after the receipt of such document, has lost or destroyed it, such person (even though in his respect no identity card was issued and was currently valid during the period mentioned in section 11 (1) of this Ordinance) may not later than 6.00 p.m. of the Wednesday immediately preceding the commencement of the poll, appear before one of the Commissioners, and if —

(a) he proves his identity by the production of his identity card; and

(b) makes a declaration on oath before any such Commissioner that he has not received the voting document or that, after the receipt of such document, he has lost or destroyed it, and such further declarations on oath as the Commissioner may require, he shall be given a voting document issued specially for the purpose specifying as the polling place where such person is to cast his vote a polling place designated for the purpose by the Commissioners; and in any such case —

(i) such person shall vote only at the polling place specified in the voting document aforesaid; and

(ii) if the name of such person appears on any list referred to in subsection (1) of section 18 of this Ordinance other than that of the polling place aforesaid, the Commissioners shall cause the name of such person to be struck off such list; and

(iii) a list of all the persons to whom a voting document is issued under this subsection shall be kept at the Commissioners' Office and shall be open to inspection by any candidate or his agent at all reasonable times until the poll closes.".

Insanitary Areas Ordinance (Cap. 164).

In section 7, the words "or, in default of any such plan, subject to such restrictions and conditions as the Town Planning Commission referred to in Part I of that Code may think fit to impose" shall be deleted.

Motor Vehicles Insurance (Third-party Risks) Ordinance (Cap. 165).

In paragraph (b) of subsection (1) of section 23, the words "to the Secretary to Government or" shall be deleted.

Objects and Reasons

The Object of this Bill is to amend the Statute Law Revision Act, 1980 and other laws so as to facilitate the exercise by the relative Commission.

Ippubblikat mit-Taqsima tal-Taghrif — Kastilja — *Published by the Information Division — Kastilja*
Mitbugh fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*

Prezz 4c — *Price 4c*